**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Novembru 2020**

Rikors Numru: 111/20 AL

A B

vs

Dr. Joseph P. Bonnici u l-P.L. Madeline Firman nominati b'digriet tal-11 ta' Settembru 2020 sabiex jidhru ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti C D (numru tl-Passaport Ukren P XXX)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent u li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijjiet izzewwgu fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok. A) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.
2. Illi l-partijiet mhumiex separati legalment izda ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba` (4) snin matul il-hames snin preċedenti. Fil-fatt il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn ħmistax (15) -il sena peress li l-istess żwieġ dam ċirka sena u wara l-intimata telqet minn Malta u qatt ma rritornat;

3. Illi l-esponent tilef kull kuntatt li seta` kellu maghha minn mindu l-intimata telqet minn Malta;
4. Illi m'm'hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejnithom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, l-intimata immedjatament li sseparat de facto telqet lura pajjiza u qatt ma regghet resqet lejn Malta jew ghamlet xi komunikazzjoni mal-esponenti;
5. Illi l-esponenti ghamel talba ghall-ħall tal-istess żwieġ kif ukoll għal divorzju permezz ta' ittra numru 2704/20 TC datata 19 ta' Frar 2020 u b'digriet datat 9 ta' Gunju, 2020 huwa ġie awtorizzat jipproċedi permezz ta' kawza (kopja legali hawn annessa u markata Dok. B);

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Joseph P. Bonnici et noe li permezz tagħha kkonferma :

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw minn issa li jirrispondu b'mod aktar aktar estensiv hekk kif jiġu mogħtija l-informazzjoni rikjesta u relattiva u fit-tieni nett id-dokumenti esebiti ghandhom jigu kkonfermati mill-partijiet li ppreparawhom;
2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent irid jipprova u jikkonferma bil-ġurament tieghu li ilu de facto separat mill-allegata assenti kemm bhala prova minnu j'jew terzi viva voice kif ukoll bhala dokumentarja minn dawk l-istituzzjonijiet necessarji sabiex jivverifikaw l-allegata assenza.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent irid jipprova li ghamel l-almu tieghu sabiex jinnotifika lill-istess intimata bil-proceduri stipulati skont il-ligi inkluz il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll Direttivi tal-Unjoni Ewropeja;
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent irid jipprova illi verament kien sar prospett ragjonevoli kif mitlub skont il-ligi u li hemm cirkostanzi evidenti illi z-zwieg tkisser irremedjabbilment u

ma hemm ebda possibilta ta' rikonciljazzjoni bejnu u l-allegata assenti mara konvenuta.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ukoll irid jipprova illi l-allegata assenti mara verament telqet lura lejn pajjizha b'tali mod u manjiera ta' abbandun ghar-ragunijiet mhux imputabbli lilu.
6. Sal eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Settembru, 2020;

Rat l-affidavit tal-attur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn ħmistax (15) – il sena peress li l-istess żwieg dam cirka sena u wara l-intimata telqet minn Malta u qatt ma rritornat.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.